*- MANDAT -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha L-ewwel 1 ta' Gunju, 2001**

**Kawza Numru: 6**
**Citazzjoni Numru: 1371/98/RCP**

**Paul Vella u martu Marija**

**vs**

**Anthony Magro u martu Maria Concetta sive Connie**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici fejn gie premess:-

Illi favur l-atturi jezisti kreditu kontra l-konvenuti, u dan fis-somma ta' sitt elef Lira prezz ta' cessjoni a favur tal-

konvenuti tal-permess tal-minibus Y 2219 u llum HMY 219 (minhabba li inbiddlu l-pjanci) u tax-xoghol kollu li hemm marbut mal-istess minibus kif ukoll l-assenjazzjoni tieghu u dana kif jirrizulta minn skrittura privata datata 29 ta' Settemru 1995 fl-atti tan-nutar Carmelo Mangion, liema skrittura qed tigi hawn annessa u immarkata Dokument A;

Illi dan il-keditu huwa cert likwidu u skadut u ma jezistu l-ebda eccezzjojinjiet fil-fatt u lanqas fil-Ligi li jistghu jissollevaw il-konvenuti;

Illi minghajr ragunijiet validi fil-ligi ma giex effetwat il-pagament dovut mill-konvenuti lill-atturi u ghalhekk ghad hemm id-debitu mhux imhallas;

L-istess atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghala din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti, u dana bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-artikolu 167 tal-kodici ta' l-organizazzjoni u Procedura Civili, ghall-pagament lill-atturi fis-somma ta' sitt elef Lira (Lm6,000) rapresentanti bilanc ta' somma akbar ta' prezz ta' cessjoni a favur tal-konvenuti tal-permess tal-minibus Y 2219 u llum HMY 219 (minhabba illi nbidlu l-pjanci) u tax-xoghol kollu li hemm marbut mal-istess minibus kif ukoll l-assenjazzjoni tieghu u dana kif jirrizulta minn skrittura privata datata 29 ta' Settembru, 1995 fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion.

Bl-ispejjez inkluza dik ta' l-ittra ufficcjali datata 15 ta' Jannar, 1998, bl-imghaxijiet dekorribli mill-29 ta' Settembru, 1995 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 *et sequitur* tal-process.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti Maria Concetta Magro m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Fil-fatt l-eccipjenti hija legalment separata minn ma' zewgha Paul Vella, u dan permezz ta' kuntratt pubbliku tas-26 ta' Ottubru 1992, fl-atti tan-Nutar Dr. Patrick Critien.

2. Illi fil-meritu l-ammont pretiz mill-atturi huwa esagerat.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol.15 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tat-18 ta' Jannar, 1999; tal-4 ta' Gunju, 1999 fejn giet prezentata nota ta' riduzzjoni li biha rreduciet it-talba bis-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2000). Rat in-nota tal-atturi tat-2 ta' Novembru 1996 fejn irriducew it-talba taghhom bi tlett' elef u tlett mitt lira Maltin (Lm 3,300) u zammew ferm is-sorte fl-ammont ta' elfejn u seba' mitt lira Maltin (Lm2,700).

Rat il-verbali tas-seduti tal-14 ta' Jannar,2000; tal-11 ta' Frar, 2000; tat-12 ta' April 2000; tat-28 ta' Novembru, 2000; tat-12 ta' Dicembru, 2000 u tal-25 ta' Jannar, 2001 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-8 ta' Marzu,2001.

Rat l-affidavit ta' Paul Vela tal-14 ta' Jannar 2000 a fol 35 tal-process;

Rat l-affidaavit ta' Maria Concetta Magro a fol 61 tal-process;

Rat in-nota ta' riduzzjoni tal-atturi tat-28 ta' Novembru 2000 fejni s-sorte gie ridott ghall-elfejn u tlett mitt lira Maltin (Lm2,300).

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-atturi permezz ta' din il-kawza qed isostnu li l-konvenuti ghandhom debitu lejhom fis-somma ta' sitt elef Lira (Lm6,000) rappresentanti bilanc ta' somma akbar ta' prezz ta' cessjoni a favur tal-istess konvenuti tal-permess tal-minibus Y 2219 u llum HMY 219 u tax-xoghol li hemm marbut mal-istess minibus kif ukoll l-assenjazzjoni tieghu u dan kif jirrizulta minn skrittura privata esebita bhala Dok A a fol 6 tal-process datata 29 ta' Settembru 1996, redatta min-Nutar Carmelo Mangion.

Illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Maria Concetta Magro eccepiet li hi ma ghandha ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Dan peress li hi legalment separata minn ma' zewgha Paul Vella permezz ta' kuntratt tas-26 ta' Ottubru, 1992. Inoltre' gie eccepit ukoll mill-konvenut illi l-ammont pretiz mill-atturi huwa ezagerat.

Illi in effetti fil-kors tal-kawza gew ipprezentati tlett noti ta' l-atturi sabiex it-talba tigi ridotta stante pagament. Illi permezz tan-nota prezentata fit-28 ta' Novembru, 2000 l-atturi rriducew it-talba taghhom ghall-ammont ta' Lm2,300 flimkien mal-ispejjes kollha dovuti.

Illi fl-affidavit tieghu **Paul Vella** spjega kif il-kreditu kien dovut u li hu kien thallas xi ammonti u li anki wara li ntavola l-proceduri odjerni l-konvenut Anthony Magro kien ghamel

xi pagamenti pero' li kien ghad fadal bilanc flimkien ma imghaxijiet relattivi.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni mqajma mill-konvenuta, hi pprezentat il-kuntratt ta' separazzjoni taghha u zewgha (Dok AEZ a fol 26 tal-process). Dan igib id-data tas-26 ta' Ottubru 1992 fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien. Illi fil-klawslola numru 6 ta' l-istess kuntratt hemm imnizzel "*li kull debitu ezistenti sad-data tal-kuntratt jibqa' a karigu ghar-ragel u li kull debitu iehor li jsir wara d-data tal-kuntratt jibqa' a kariku ta' min ikun ghamlu*". *Di piu`* fl-artikolu (1) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni giet ukoll xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konvenuti, u fl-artikolu (8) jinghad li l-konvenuta tista' tezercita` l-atti kollha civili u kummercjali minghajr il-kunsens u assistenza tar-ragerl.

Illi fix-xhieda tieghu **Paul Vella in kontro-ezami** qal li n-negozju ghamlu ma' Anthony Magro. Hu qal li ghalkemm il-konvenut kellu jgib mieghu lil martu, fil-fatt qatt ma ghamel dan, u l-konvenut qatt ma' kien qal lill-atturi li kien separat. Pero' gieli kienu tkellmu maghha. Biss qal ukoll li dakinhar li gie ffirmat il-kuntratt bejn il-kontendenti l-konvenuta ma kienetx prezenti.

Illi fl-affidavit taghha, **Maria Concetta sive Connie Magro**, cahdet li qatt iffirmat il-ftehim jew li kienet parti fih. Inoltre' qalet li kemm ilhom li sseparaw hi qatt ma awtorizzat lill-Anthony Magro sabiex jidher f'isimha fuq xi kuntratt. Ziedet li hi m'ghandiex x'taqsam fin-negozju li seta' ghamel

zewgha, u xehdet li hi qatt ma tkellmet ma' Paul Vella fuq dan in-negozju.

Illi l-iskrittura mertu tal-kwistjoni odjerna giet iffirmata fid-29 ta' Settembru 1993 u l-konvenuta fil-fatt ma kienetx firmatarja ta' l-istess.

Illi kwindi minn dan kollu isegwi illi l-konvenuta Maria Concetta sive Connie Magro ma kellha ebda relazzjoni guridika ma' l-attur peress li tali skrittura hija *"res inter alios acta"* ghaliha. In effetti rrizulta li ghalkemm Anthony Magro deher f'ismu proprio u ghan-nom ta' martu huwa qatt ma' gie awtorizzat biex jaghmel dan jew biex jagixxi bhala mandatarju tal-konvenuta. Dan irrizulta soddisfacentement anki peress li huma kienu ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni fis-26 ta' Ottubru, 1992, u wara dik id-data ma jidhirx li kien hemm kuntratt bejn il-konvenuti fuq dan in-negozju.

Illi konsegwement l-istess konvenuta m'ghandiex tigi kkundannata biex thallas id-dejn in kwistjoni anke ghaliex ma ingiebet ebda prova li hija tat il-kunsens taghha ghall-tali negozju, la direttament u lanqas tramite xi mandatarju.

Illi min-naha l-ohra l-kreditu gie ampjament ippruvat li hu dovut mill-konvenut, u dan ma giex kontradett, dejjem fl-ammont ridott, stante pagamenti akkont fil-mori tal-kawza mill-istess konvenut.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u ticcediedi** billi filwaqt tilqa' l-ewwel eccezjoni tal-konvenuta Maria Concetta sive Connie Magro u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju u tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici kif ridotta**, b' dan illi:

1. Tikkundanna lill-konvenut Anthony Magro ghall-pagament lill-atturi fis-somma ta' elfejn u tlett mitt Lira Maltin (Lm2,300) rappresentanti bilanc ta' somma akbar ta' prezz ta' cessjoni a favur tal-konvenuti tal-permess tal-minibus Y 2219 u llum HMY 219 (minhabba li nbidlu l-pjanci) u tax-xoghol kollu li hemm marbut mal-istess minibus kif ukoll l-assenjazzjoni tieghu u dana kif jirrizulta minn skrittura privata datata 29 ta' Settembru, 1995 fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion.

Bl-ispejjez inkluza dik ta' l-ittra ufficjali datata 15 ta' Jannar 1998, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-30 ta' Ottubru 1995 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut Anthony Magro.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**1 ta' Gunju, 2001**

**Carmel Muscat**
**Deputat Registratur.**
**1 ta' Gunju, 2001**